MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 646/1997/1

Maria **FENECH** armla ta' Michael, f'isimha u bħala prokuratriċi tal-imsefrin Phyllis Caruana mart Guido u Angela Cortis mart Frank; u Carmela Micallef mart Karmenu; u b'degriet tas-27 ta' Jannar, 2003, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna tal-attriċi Angela Cortis li mietet fil-mori tal-kawża għal fuq uliedha Denise u Paul, aħwa Cortis, rappreżentati mill-attriċi Maria Fenech bis-saħħa ta' prokura speċjali

vs

Ġorġ **CHIRCOP**, f'ismu u għan-nom tal-imsefrin David, Andrew u Christine, aħwa Chircop; Victoria mart Mario Dimech; u b'degriet tat-22 ta' Ġunju, 1999, issejħet fil-kawża l-assenti Maria Carmen Chircop, li biex jidhru għaliha u bis-saħħa tal-istess degriet, inħatru bħala Kuraturi Deputati l-Avukat John Cremona u l-Prokuratriċi Legali Veronica Rossignaud; u b'degriet tas-27 ta'

Ottubru, 1999, l-imsemmi degriet tħassar u l-imħarrek Ġorġ Chircop kien konfermat bħala Kuratur Deputat tal-imsemmija msejħa fil-kawża Maria Carmen Chircop skond in-Nota mressqa minnu fit-8 ta' Ġunju, 1999

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta' Marzu, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi *proprio* u *nomine* talbu li din il-Qorti (a) tillikwida l-ġid kollu tal-wirt ta' Andrew u Rosa miżżewġin Chircop; (b) tordna l-qasma tal-istess wirt f'dawk l-ishma li jkunu stabiliti bħala xierqa lil kull waħda mill-partijiet; (ċ) tassenja kull sehem hekk stabilit u maqsum lil kull waħda mill-partijiet; u (d) taħtar perit biex jistma u jħejji pjan ta' qasma, nutar pubbliku biex jilqa' l-att nutarili meħtieġ, u kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu fuq l-att tal-qasma. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-7 ta' April, 1998, li biha l-imħarrkin Ġorġ Chircop, David Chircop, Andrew Chircop u Christine Chircop laqgħu għat-talbiet attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-imħarrkin aħwa Chircop ma kinux il-kontradittiri leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża, u (ii) li l-ġudizzju ma kienx sħiħ għaliex l-atturi messhom ħarrku wkoll lil Maria Carmen Chircop armla ta' Michael (ġenitur tal-imħarrkin aħwa Chircop) li wkoll kien werriet ta' Andrew u Rosa Chircop. Fil-mertu, qalu li ma kinux kontra l-likwidazzjoni, qsim u assenjazzjoni tal-wirt, sakemm jitħarsu t-testmenti u ssir il-verifika tal-ġid tal-wirt. F'kull każ, qalu li m'għandhomx ibatu spejjeż għaliex huma dejjem riedu jaslu għall-qsim tal-wirt iżda kienu l-atturi li qatt ma waslu li jipproponu bil-miktub x'iridu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka Victoria Dimech fit-12 ta' Mejju, 1998, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li taqbel mat-talba għall-qsim tal-

wirt, sakemm isir proċess tal-konsistenza tal-atti u qsim xieraq tal-ishma;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Novembru, 1998[1], li bih u fid-dawl tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin Chircop, ħatret lill-Avukat Paul Pulicino bħala espert fil-liġi Awstraljana, biex wara li jagħmel il-kostatazzjonijiet meħtieġa, jirrelata dwar is-siwi tal-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat ir-rapport imressaq mill-imsemmi perit legali fit-3 ta' Marzu, 1999[2], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tas-26 ta' Marzu, 1999;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Ġorġ Chircop fit-8 ta' Ġunju, 1999[3], li biha laqa' l-bandu bħala kuratur deputat biex jidher għall-imsiefra Maria Carmen Chircop, imsejħa fil-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-4 ta' Frar, 2000, mill-imħarrek Ġorġ Chircop bħala Kuratur tal-imsejħa fil-kawża Maria Carmen Chircop, li biha qal li huwa m'huwiex kontra li ssir il-likwidazzjoni, qsim u tqassim tal-wirt skond it-testmenti u wara li jsir magħruf f'liema ġid jikkonsisti l-wirt u li, f'kull każ, l-imsejħa fil-kawża m'għandhiex tbati spejjeż għaliex qabel fetħu l-kawża l-atturi qatt ma ippruvaw jaslu biex jaqsmu l-wirt bonarjament;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Marzu, 2000[4], li bih ħatret lill-Avukat Carmelo Vassallo bħala espert legali sabiex, bl-għajnuna tal-Perit Arkitett maħtur Frederick Doublet, iqis is-siwi tat-talbiet attriċi;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit legali[5] u l-ieħor imressaq mill-perit tekniku[6] fil-25 ta' Frar, 2002, u minnhom maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-8 ta' April, 2002;

---

[1] Paġ. 31 tal-proċess
[2] Paġġ. 36 – 9 tal-proċess
[3] Paġ. 42 tal-proċess
[4] Paġġ. 163 – 8 tal-proċess
[5] Paġġ. 126 sa 142 tal-proċess
[6] Paġġ. 103 sa 121 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2003[7], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom, liem degriet inbidel b'ieħor tad-9 ta' Ottubru, 2003, fuq talba tal-atturi biex it-trattazzjoni ssir mill-avukati bil-fomm waqt smigħ tal-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-27 ta' Jannar, 2004[8], li fih l-avukati tal-partijiet talbu li, minflok jittrattaw il-kawża, jingħataw żmien biex iressqu flimkien pjan ta' qasma tal-wirt mertu tal-każ;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi u mill-imħarrek Ġorġ Chircop *proprio* u *nomine* fl-10 ta' Marzu, 2004[9], bil-proposti tagħhom għall-pjan tal-qasma tal-wirt;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka Victoria Dimech fl-24 ta' Marzu, 2004[10], bil-kummenti għall-proposti talkontroparti;

Rat in-Nota tal-istess imħarrka Dimech tal-10 ta' Mejju, 2004[11], bil-kontro-proposti tagħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta' ġid ġej minn wirt. Bl-azzjoni tagħhom, l-atturi jridu li l-ġid li ġej mill-wirt ta' Andrew u Rosa miżżewġin Chircop, ma jibqax aktar komuni u ssir il-qasma tiegħu biex kulħadd jingħata s-sehem li jmissu;

---

[7] Paġ. 236 tal-proċess
[8] Paġ. 242 tal-proċess
[9] Paġġ. 247 – 8 tal-proċess
[10] Paġ. 249 tal-proċess
[11] Paġġ. 253 – 4 tal-proċess

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin laqgħu, fl-ewwel lok, billi b'mod preliminari, qanqlu l-kwestjoni dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ u dwar jekk humiex il-kontradittturi leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi. Fil-mertu wrew li huma jaqblu li ssir il-likwidazzjoni u l-qasma tal-wirt;

Illi wara li l-Qorti qabbdet espert tal-liġi barranija biex ifittex u jirrelata dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, issejħet fil-kawża Maria Carmen Chircop, omm l-imħarrkin David, Andrew u Christine aħwa Chircop;

Illi l-imħarrka Victoria Dimech ukoll qablet li ssir il-qasma tal-wirt, sakemm issir il-verifika tal-ġid u tal-ishma tal-partijiet interessati;

Illi għal żmien twil tul is-smigħ tal-kawża, l-partijiet ippruvaw jaslu għal qbil bonarju bejniethom, iżda ma seħħilhomx jiftehmu;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li Andrew u Rosa Chircop imwielda Muscat kienu miżżewġin u miż-żwieġ tagħhom kellhom seba' (7) wlied, ħamest ibniet u żewġ subien. L-atturi Maria Fenech, Angela Cortis u Carmela Micallef huma erbgħa mill-ulied, filwaqt li l-imħarrkin Ġorġ Chircop u Victoria Dimech huma żewġt ulied oħra u l-imħarrkin David, Andrew u Christine aħwa Chircop huma wlied iben ieħor, li kien jismu Michael Victor. L-imsejħa fil-kawża hija l-armla tal-imsemmi Michael Chircop;

Illi Andrew Chircop miet testat f'Jannar tal-1963, u l-wirt tiegħu hu regolat b'testment *unica charta* tad-19 ta' Ġunju, 1957[12], fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri. Bl-imsemmi testment, it-testaturi ħallew lil min jibqa' ħaj minnhom l-użufrutt tal-ġid ta' min minnhom imut l-ewwel, u ħatru lis-seba' wliedhom werrieta universali tagħhom f'ishma ndaqs. Id-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu tressqet mill-imħarrek Ġorġ Chircop xahar wara mewt missieru[13];

[12] Dok "A", f'paġġ. 6 – 8 tal-proċess
[13] Dok "DEN", f'paġġ. 187 – 9 tal-proċess

Illi Rosa Chircop mietet f’Diċembru tal-1992 u l-wirt tagħha huwa regolat ukoll bl-imsemmi testment *unica charta.* Minbarra dawn, fil-5 ta’ Marzu, 1980[14], hija kienet għamlet testment ieħor fl-atti tan-Nutar Paul Pulliċino li bih ħelset lil uliedha mill-obbligu tal-kollazzjoni ta’ dak kollu li setgħet tathom matul ħajjithom. Għamlet testment ieħor fid-29 ta’ Awissu, 1985[15], fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis li bih ħalliet lil bintha l-imħarrka Victoria mart Mario Dimech il-leġittima (sehem riżervat) spettanti lilha mil-liġi u ma ħelsithiex aktar mill-obbligi tal-kollazzjoni jew imputazzjoni. Fl-aħħarnett, b’testment addizzjonali li hija għamlet fl-24 ta’ Novembru, 1986[16] fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis, hija ħalliet b’titolu ta’ legat remuneratorju favur binha l-imħarrek Ġorġ Chircop in-nofs mhux maqsum tal-*garage* f’mumru 38[17], Triq l-Imdina, fin-Naxxar, bl-arja tal-istess post;

Illi bis-saħħa ta’ kuntratt pubbliku tad-29 ta’ Awissu, 1985[18], jiġifieri dak inhar li hija għamlet it-tielet testment tagħha, hija kienet biegħet in-nofs mhux maqsum ta’ post bl-isem “*Saint Andrew*” fi Triq l-Imdina[19], Naxxar lil binha l-imħarrek Ġorġ Chircop bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Jirriżulta li, sa minn wara mewt Andrew Chircop, martu Rose kienet tikri din id-dar lil binha l-imħarrek Ġorġ bi tletin lira (Lm 30) fis-sena[20]. Id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta’ Rose Chircop saret fit-3 ta’ Frar, 1995, fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde LaRosa[21];

Illi l-imħarrek Ġorġ Chircop jgħix fil-post bl-isem ta’ “*Saint Andrew*” u tul iż-żmien li kien mikri għandu kien għamel xi benefikati ta’ natura stabili u nefqiet biex tejjeb il-kundizzjoni tiegħu[22]

Illi Michael Victor Chircop, bin l-imsemmija miżżewġin Chircop, miet fi Frar tal-1990[23], u jiġifieri wara l-mewt ta’

---

[14] Dok “EG1”, f’paġġ. 239 – 240 tal-proċess
[15] Dok “EG2”, f’paġġ. 241 – 2 tal-proċess
[16] Dok “B”, f’paġ. 9 tal-proċess
[17] Illum iġib in-numru 81, Triq l-Imdina, Naxxar.
[18] Dokti “Ċ” u “GC15”, f’paġġ. 11 – 2 u 195 – 6 tal-proċess
[19] Illum iġib in-numri 83/85, Triq l-Imdina, Naxxar
[20] Dokti “K7” sa “K23”, f’paġġ. 203 sa 219 tal-proċess
[21] Dok “DIK”, f’paġġ. 182 – 6 tal-proċess
[22] Xhieda tiegħu 1.10.2001, f’paġġ. 170 – 2 tal-proċess
[23] Dok “D”, f’paġ. 20 tal-proċess

missieru iżda meta kienet għadha ħajja ommu Rose Chircop. Michael Chircop kien mar jgħix fl-Awstralja u miet hemm u l-wirt tiegħu huwa regolat b’testment li sar fl-10 ta’ Ġunju, 1983[24]. Huwa ħalla warajh l-armla tiegħu (l-imsejħa fil-kawża) u tliet ulied (l-imħarrkin aħwa Chircop);

Illi l-attriċi Angela *sive* Angolina Cortis ukoll kienet marret tgħix fl-Awstralja. Hija kienet miżżewġa lil Francis Cortis, iżda ż-żwieġ tagħhom kien inħall b’divorzju miksub hemmhekk. Hija mietet testata f’Settembru tal-2002[25], fil-mori tal-kawża, u l-wirt tagħha għadda fuq iż-żewġ uliedha (l-atturi) Denise u Paul, aħwa Chircop;

Illi l-kawża nfetħet f’Marzu tal-1997;

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, għandu jingħad minnufih li f’azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, li kienet tissejjaħ l-*actio familiae erciscundae* fid-Dritt Ruman, il-liġi[26] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta’ ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta’ ġid *in natura*[27], (b) f’kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita’ ta’ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[28] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[29];

Illi dwar il-kwestjoni ta’ jekk il-ġid għandux jinqasam bix-xorti jew inkella b’assenjazzjoni (jew b’attribuzzjoni) jeħtieġ li jingħad li fejn l-ishma huma ndaqs, il-qasma ssir billi jittellgħu ix-xorti. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m’hijiex inflessibbli[30], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m’għandhiex issir il-qasma bl-

[24] Dok “E”, f’paġġ. 21 – 2 tal-proċess
[25] Dok “Z1”, f’paġ. 231 tal-proċess
[26] Art. 907 tal-Kap 16
[27] Art. 502 tal-Kap 16
[28] Art. 504 tal-Kap 16
[29] Art. 510(1) tal-Kap 16
[30] Fadda <u>*Commentario sulle Leggi Civili,*</u> art. 993-6

assenjazzjoni[31]. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[32];

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi f'dan il-każ, meta nfetħet din il-kawża, kien hemm żewġ ċirkostanzi fattwali rilevanti li jirriflettu fuq l-eżerċizzju li jeħtieġ isir biex ikunu determinati l-ishma fiż-żewġ ereditajiet. <u>L-ewwel ċirkostanza</u> seħħet minħabba l-mewt ta' wieħed minn ulied il-miżżewġin Chircop – jiġifieri Michael Chircop – li ġrat wara l-mewt tal-missier, iżda qabel mewt ommu. Dik iċ-ċirkostanza tħawret aktar minħabba li Michael Chircop kien jgħix u miet fl-Awstralja. Hemmhekk, huwa għamel tstment li bih ħalla lil martu (l-imsejħa fil-kawża Maria Carmen Chircop) werrieta tiegħu. Iżda huwa kellu wkoll tliet ulied (l-imħarrkin aħwa Chircop). Mir-rapport imressaq mill-espert legali tad-dritt Awstraljan Dottor Paul Pullicino, ħareġ li Michael Chircop kien domiċiljat fl-Awstralja, li t-testment li huwa għamel kien jiswa u jorbot skond il-liġi tad-domiċilju tiegħu, u li martu setgħet titħalla bħala l-werrieta waħdanija ta'ġidu skond il-liġi tad-domiċilju tagħhom. B'hekk ġara li, filwaqt li l-imsejħa fil-kawża daħlet fil-pożizzjoni legali ta' żewġha f'dak li jirrigwarda sehemu mill-wirt ta' missieru Andrew Chircop, billi Michael Chircop miet qabel ommu, l-imsejħa fil-kawża ma jmisshiex sehem mill-wirt ta' din li, minflok, u bis-saħħa tat-testment *unica charta* tal-1957, sehem binha Michael jgħaddi fuq uliedu (t-tliet imħarrkin aħwa Chircop). F'dan ir-rigward, għalhekk, u fid-dawl tal-fehmiet milħuqa mill-perit legali (liema fehmiet l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet xi kontestazzjoni dwarhom) jiġi li l-imsejħa fil-kawża jistħoqqilha sehem ta' wieħed minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) mill-wirt ta' Andrew Chircop, filwaqt li l-imħarrkin David, Andrew u Christine, aħwa Chircop, jistħoqqilhom

[31] Ara, P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[32] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***

bejniethom is-sehem li kien ikollu jedd għalih missierhom mill-wirt ta' nannithom Rose Chircop;

Illi t-<u>tieni ċirkostanza</u> hi li fl-1985 Rose Chircop għamlet testment addizjonali li bis-saħħa tiegħu, neħħiet lil bintha Victoria Dimech minn fost il-werrieta tagħha u ħallitilha biss is-sehem riżervat, minbarra li ma ħelsithiex mill-obbligi tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni dwar sehemha minn dak li t-testatriċi setgħet tatha matul ħajjitha. Jidher li din iċ-ċirkostanza ma kinitx rilevata mill-perit legali u dan x'aktarx ġej mill-fatt li, sakemm tressqet ir-relazzjoni peritali, ma kienx għad hemm kopja tat-tielet testment ta' Rosa Chircop fl-atti tal-kawża (għalkemm dan il-fatt kien imsemmi fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li kiienet fost id-dokumenti mressqa mill-partijiet qabel ma tlestiet ir-relazzjoni). Dan ifisser li l-imsemmija mħarrka Victoria Dimech għandha sehem ta' wieħed minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) mill-wirt ta' missierha Andrew Chircop, u s-sehem riżervat mill-wirt t'ommha Rosa. Dan ifisser li, bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili, is-sehem riżervat tal-imsemmija mħarrka Victoria Dimech mill-wirt ta' ommha huwa ta' parti minn erbatax-il sehem ($^{1}/_{14}$) mill-wirt tagħha;

Illi dan ifisser li, f'dak li jirrigwarda l-wirt ta' Rose Chircop, u minħabba ċ-ċirkostanza li għadha kemm issemmiet, is-sitt werrieta l-oħrajn (personalment jew kif rappreżentati) jmisshom kull wieħed sehem ta' tlettax minn erbgħa u tmenin parti ($^{13}/_{84}$);

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet kollha joħroġ li l-atturi Maria Fenech, Carmela Micallef, Filippa *sive* Phyllis Caruana u l-imħarrek Ġorġ Chircop imisshom sehem minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) kull wieħed u waħda minnhom mill-wirt ta' missierhom Andrew Chircop u sehem ta' tlettax minn erbgħa u tmenin parti ($^{13}/_{84}$) kull wieħed u waħda minnhom minn wirt ommhom;

Illi l-imsejħa fil-kawża Maria Carmen armla ta' Michael Chircop imissha sehem minn seba' ($^{1}/_{7}$) mill-wirt ta' Andrew Chircop;

Illi l-atturi Denise u Paul aħwa Chircop (ulied il-mejta attriċi Angiolina *sive* Angela Chircop) jmisshom sehem minn erbatax-il ($^{1}/_{14}$) parti kull wieħed mill-wirt ta' nannuhom Andrew Chircop, u sehem ta' tlettax minn mija u tmienja u sittin ($^{13}/_{168}$) parti kull wieħed u waħda minnhom minn wirt nannithom Rose Chircop. L-imħarrkin David, Andrew u Christine aħwa Chircop imisshom sehem ta' tlettax minn mitejn u tnejn u ħamsin ($^{13}/_{252}$) kull wieħed u waħda minnhom mill-wirt ta' nannithom Rose Chircop;

Illi, kif ingħad, l-imħarrka Victoria Dimech imissha sehem minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) mill-ġid kollu mħolli minn missierha u s-sehem riżervat ta' parti minn erbatax-il ($^{1}/_{14}$) parti mill-wirt t'ommha;

Illi l-periti maħtura mill-Qorti, kif mitluba, wettqu eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-wirt ta' kull wieħed mill-miżżewġin Chircop. Ħareġ li l-attiv nett tal-wirt ta' Andrew Chircop jammonta għal disgħa u sittin elf sitt mija u tliet euro u sittin ċenteżmi (€ 69,603.60)[33], filwaqt li l-attiv nett ta' wirt martu Rose Chircop tela' għal tlieta u ħamsin elf disa' mija u tmienja u ħamsin euro (€ 53,958)[34];

Illi dawn il-likwidazzjonijiet jinkludu fihom il-ġid kollu tal-imsemmija miżżewġin Chircop, jiġifieri kemm l-immobbli u kif ukoll il-flus depożitati fil-banek. Minn dan joħroġ li l-ġid ma jistax jinqasam bejn kull min huwa intitolat għalih *in natura*, u għalhekk jeħtieġ li, kif jissuġġerixxi l-għaref perit legali, l-bini jinbiegħ b'liċitazzjoni. Huwa jissuġġerixxi wkoll li f'dak il-każ, jitħallew joffru wkoll il-barranin;

Illi l-bejgħ f'liċitazzjoni ta' ġid immobbli jista' jsir bil-mod li jaqblu dwaru s-sidien kollha. Imma jekk kemm-il darba l-bejgħ isir b'ordni tal-Qorti f'sentenza jew għax ma jkunx hemm fehma waħda bejn is-sidien kollha, l-għażla ta' liema proċedura għandha tiġi segwita hija mħollija f'idejn il-Qorti[35], li tista' tordna li l-partijiet isegwu proċess li jixbah lil dak imfassal mil-liġi għall-bejgħ fl-irkant bil-qorti fuq talba tal-kreditur;

---

[33] Lm 29,880.83, paġ. 135 tal-proċess
[34] Lm 23,164.18, paġ. 136 tal-proċess
[35] Art. 518(1) tal-Kap 16.

Illi hija għażla ta' kull wieħed li għandu sehem f'ġid immobbli li sejjer jinbiegħ b'irkant taħt is-setgħa tal-qorti, żgħir kemm hu żgħir sehemu mill-istess ġid[36], li jitlob li fl-irkant il-barranin jiġu mistiedna joffru wkoll[37];

Illi t-talba sabiex ġid immobbli miżmum minn għadd ta' sidien jinbiegħ b'liċitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-prinċipji ewlenin li jsawru l-istitut tal-liġi li titkellem dwar ġid komuni u li din il-Qorti diġa' semmiethom aktar qabel f'din is-sentenza. Għalhekk, meta ssir il-qasma, r-regola hija li kull wieħed mis-sidien jieħu (skond is-sehem tiegħu) biżżejjed mill-ġid komuni fil-kwalita' li dak il-ġid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan iġib miegħu l-effett li l-liċitazzjoni hija l-eċċezzjoni għar-regola[38]. Kemm hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f'liema ċirkostanzi għandha ssir;

Illi, madankollu, jekk biex jitħarsu l-prinċipji fuq imsemmija l-qasma tal-ħwejjeġ komuni tkun qegħda ssir biss fid-dieher u tkun mgħobbija b'soluzzjonijiet imġebbda, bħal, per eżempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-każ ikun għaqli li ssir il-liċitazzjoni u tkun qegħda titħares il-liġi fil-kelma u l-ispirtu tagħha jekk l-eċċezzjoni tegħleb lill-prinċipju[39];

Illi għandu jibqa' dejjem meqjus li l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel jew fejn ikun hemm xi ġid li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tieħu għandha[40]. Fuq kollox, il-fondi li jistgħu jinbiegħu b'liċitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistgħux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra tagħhom, u mhux għaliex imqegħda f'dak l-istat minħabba xi twaħħid artifiċjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi;

Illi huwa aċċettat li t-talba għall-qasma timplika fiha wkoll talba għal-liċitazzjoni meta joħroġ li l-ġid komuni ma jistax

36 Art. 516 tal-Kap 16
37 Art. 517 tal-Kap 16
38 Ara App. Ċiv.: **5.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino et vs Baldacchino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.105**) u P.A. **2.3.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri et vs Portelli*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.657**)
39 Ara P.A. **21.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Paċe et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1030**) u l-awtoritajiet u s-sentenzi hemm imsemmija
40 P.A. **30.7.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)

jinqasam mingħajr xkiel u ħsara[41]. B'mod partikolari, l-Qorti għandha s-setgħa li tordna l-liċitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja li tkun intalbet il-liċitazzjoni[42], u dan għaliex il-liċitazzjoni m'hijiex għajr *modus divisionis*;

Illi fil-każ tal-lum, wara li l-periti maħturin mill-Qorti ressqu r-rapporti tagħhom, il-partijiet ippruvaw jaraw jekk jistgħux jaslu fi qbil bejniethom biex joħorġu bi pjan ta' qasma li jogħġobhom ilkoll. L-atturi ressqu proposti li kienu jqisu l-kwestjoni li l-imħarrka Victoria Dimech kienet tħalliet leġittimarja fil-wirt t'ommha (liema ċirkostanza, kif ingħad, ma ntebahx biha l-perit legali). Mill-imsemmija proposti, joħroġ li l-atturi u l-imħarrkin Ġorġ Chircop u l-imħarrkin ulied il-mejjet Michael Chircop jidher li qablu li jsiru assenjazzjonijiet tal-ġid immobbli bi ħlas ta' ekwiparazzjoni mill-imħarrek Ġorġ Chircop favur il-werieta l-oħrajn. Il-ħsieb kien li l-imsemmi mħarrek iżomm il-post li diġa qiegħed f'idejh (81, 83 u 85, Triq l-Imdina, Naxxar), filwaqt li l-partijiet l-oħrajn isiru sidien tal-post l-ieħor (77 u 79, Triq l-Imdina, Naxxar) u jaqsmu bejniethom u skond l-ishma rispettivi tagħhom id-dħul li jirriżulta meta jbiegħu dak il-ġid. L-imħarrka Victoria Dimech ma qablitx ma' dawk il-proposti u fissret għaliex[43]. Minbarra dan, hija ressqet kontro-proposti li bihom offriet li tixtri l-ġid immobbiljari kollu tal-wirt bil-prezz stabilit fl-istima peritali. Ma' din il-kontro-proposta, l-partijiet l-oħrajn baqgħu formalment qatt ma qablu;

Illi fid-dawl tal-imsemmi impass u wara li qieset li baqa' ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet dwar mod miftiehem tal-qasma tal-wirt, il-Qorti qiegħda tadotta r-rakkomandazzjoni tal-perit legali u tordna li l-ġid immobbiljari kollu jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti, bis-sehem ta' offerenti barranin, u bil-prezzijiet kif stmati mill-periti ġudizzjarji. Il-Qorti tifhem li, fil-qofol tagħha, il-kontro-proposta tal-imħarrka Victoria Dimech taqbel ma' dan ukoll;

[41] P.A. **13.6.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Attard et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1102**)
[42] App. Ċiv. **28.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Meilak vs Żahra Scicluna*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.329**)
[43] Paġ. 249 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-ġid l-ieħor mobbli aċċertat, imfisser u likwidat mill-periti mqabbda mill-Qorti, dan jista' jinqasam bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom kif determinati aktar qabel f'din is-sentenza;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**eċċezzjonijiet** imqanqlin mill-imħarrek Ġorġ Chircop u mill-imsejħa fil-kawża u wliedha, għandu jingħad li, mill-fehmiet li wasal għalihom l-ewwel perit legali espert tad-dritt barrani, l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin aħwa Chircop m'hijiex mistħoqqa. Dan għaliex, ommhom wirtet lil missierhom (żewġha) qabel ma kienet mietet omm żewġha Rose Chircop u għalhekk, bis-saħħa tat-testmenti fis-seħħ, lil Rose Chircop wirtuha ulied binha Michael u mhux l-armla tiegħu, l-imsejħa fil-kawża. Dan ifisser li huma ma jistgħux jgħidu li m'humiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi;

Illi dwar it-**tieni eċċezzjoni preliminari**, jingħad li din kienet tajba u l-Qorti diġa' ipprovdiet dwarha meta sejħet fil-kawża lil Maria Carmen Chircop;

Illi dwar l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** l-Qorti tirreferi għall-fehmiet tal-perit legali u ssib li l-likwidazzjoni tal-wirt kellha ssir fl-interess tal-partijiet kollha. Jidher ukoll li l-kawża ma saritx għal xejn u, matul iż-żmien twil li damet tinstema' l-kawża, ħareġ ċar li, minkejja l-qbil tal-partijiet li l-wirt kellu jinqasam, kien hemm ċirkostanzi li żammewhom milli jaslu fi qbil bonarju minkejja ż-żmien ġeneruż li ngħataw biex jagħmlu dan. F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha xieraq li l-ispejjeż jintrefgħu mill-partijiet skond l-ishma tagħhom fil-wirt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin aħwa Chircop, **ir-raba' eċċezzjoni** tagħhom u tal-imħarrek Ġorġ Chircop u **t-tieni eċċezzjoni** tal-imsejħa fil-kawża Maria Carmen Chircop billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin aħwa Chircop, fid-dawl tad-degriet mogħti fit-22 ta' Ġunju, 1999;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi tillikwida l-ġid tal-wirt ta' Andrew Chircop fis-somma ta' disgħa u sittin elf sitt mija u tliet euro u sittin ċenteżmi (€ 69,603.60), u magħmul minn ġid immobbli u depożiti bankarji kif aħjar imfissra u stmati fir-rapporti peritali; tillikwida l-ġid tal-wirt ta' Rose Chircop fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf disa' mija u tmienja u ħamsin euro (€ 53,958) u li jikkonsisti fil-ġid immobbli u d-depożiti bankarji mfissra u stmati mill-periti msemmija;

**Tiddikjara** illi, minħabba l-għadd ta' werrieta u l-ishma rispettivi tagħhom ma huwiex possibbli li l-imsemmi wirt jinqasmu bla xkiel billi kull werriet jingħata f'sehmu ġid mill-imsemmi wirt *in natura*;

**Tipprovdi dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi** billi tordna li l-ġid immobbli li jagħmel mill-wirt ta' Andrew Chircop u Rose Chircop jinbiegħ b'liċitazzjoni, bis-sehem ta' barranin li jitħallew joffru, u bil-prezz kif joħroġ mill-istima magħmula mill-periti ġudizzjarji, b'dan li d-dħul mill-imsemmi bejgħ jinqasam bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom kif stabiliti f'din is-sentenża, bħalma wkoll jinqasmu skond l-istess ishma l-flejjes kollha depożitati kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta;

**L-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mal-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni, jintrefgħu mill-partijiet skond is-sehem rispettiv tagħhom fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------